**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Melvin Grange

vs

Roger Satariano & Sons Ltd

CCT 136/22/MS

31 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-20 ta' Settembru 2022 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' erba' telef tlett mija u ghoxrin euro (€4,320), u dan wara li s-socjeta' intimata hadet zball fil-kejl tal-madum li kien ordna u b'konsegwenza ta' dan, ma kienx hemm bizzejjed madum biex iservih ghall-appartament tieghu. Bl-ispejjes.

Ra li s-socjeta' intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh m'ghamlitx risposta u hadd mis-socjeta' intimata ma deher biex jixhed.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Lulju 2021, ir-rikorrent kien mar ghand is-socjeta' intimata u ghamel ordni ta' diversi affarijiet, fosthom madum ghall-kurridur u l-kcina, skond pjanta li prrovda l-istess rikorrent. Is-salesman, certu Mark Psaila, kkalkula l-madum li kellu bzonn, izda meta l-madum gie konsenjat, rrizulta illi kien hemm in-nieqes. Fil-fatt l-ammont li kelllu bzonn kien ikopri xi 70 metri kwadri mentri gie kalkulat fuq 57.6 metri kwadri. Meta nduna b'dan, cempel lis-salesman, li min-naha teighu qallu biex ma jinkwetax u li kien ha jgiblu iktar madum bhalu mill-istess batch mill-Italia. Fil-fatt qallu biex jibda jwahhal dak li diga' kellu. Pero' wara tlett xhur jistemma il-madum kien ghadu ma wasalx u meta rega' mar ghand is-socjeta' intimata, gie infurmat illi l-madum li kien hemm l-Italja kien inkiser. Offrewlu madum iehor, li jixbhu, pero' ir-rikorrent ma accettax. Kellem lil certu Patrick li tah ragun verbalment, pero' meta' bghattlu email qallu li r-responsabbilita' tal-kejl kienet tieghu u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Ir-rikorrent ighid li hu qatt ma ra dawn il-kundizjonijiet,

li ma kienux 'overleaf', u qatt ma ffirma xejn. Qal ukoll illi li kieku qalulu biex jiehu r-responsabbilita' ghal kejl kien imur ghand perit, pero' kien is-salesman li ha r-responsabbilta' f'idejh. Ir-rikorrent ighid illi huwa kien lest li jsib triq tan-nods u li jaqla' l-madum li gie mwahhal a spejjes tieghu, u anke jhallas tal-installation il-gdida, pero' s-socjeta' intimata ma reditx titih madum gdid.

Illi hadd ma deher ghas-socjeta' intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux versioni ohra li b'xi mod tikkontrasta l-versjoni tar-rikorrent, li huwa verosimili u anke korroborat.

Ili mis-sales order originali li gie esebit, jirrizulta li r-rikorrent ghamel ordni ta' diversi affarijiet li gew konsenjati f'Settembru tal-istess sena. Illi parti minn din l-ordni kien ghall-madum Stone Marfil Lucido - quantity 57.6 square metres - ghall-prezz ta' €4,320. L-ordni huwa ffirmat minn Mark Psaila -rapprezentant tas-socjeta' intimata u ghalkemm fuq l-ordni hemm miktub il-kliem 'See Generał Conditions overleaf', dawn ma jidhru iimkien. Il-prezz kollu tal-ordni kien ta' €10,540 u dan thallas kollu, kif jidher mid-dokumenti esebiti.

It-Tribunal ra wkoll l-iskambju tal-emails bejn Patrick Stariano u r-rikorrent. Illi Satariano jaghmel referenza ghall-kuntratt tal-bejgh u ighid illi skond l-istess kuntratt huwa r-rikorrent li huwa responsabbli biex jivverfika u jikkwantifika l-ammonti . Dan pero' ma jirrizulta minn imkien. Kien sta ghas-socjeta' intimata li ggib prova ta' dan, li m'ghamlitux.
Imma anke kieku dan kien hekk, jibqa' l-fatt illi l-problema ma kenitx daqstant il-fatt li kien hemm madum nieqes, izda l-fatt li wara li r-rikorrent avza lis-socjeta' intimata li kien hemm in-nieqes, ir-rapprezentant Mark Psaila assigurah li kellu iktar bhalu fl-Italja u iktar minn hekk, qallu illi jista' jibde jwahhal il-madum li kellu. Dan kollu seta' gie evitat, li kieku Psaila ghamel il-verifiki tiehgu sew. It-Tribunal jinnota wkoll illi r-rikorrent kien lest ukoll jerfa' l-ispejjes tal-installazjoni u spejjes ohra u pprova jsib soluzzjoni ghal din il-vertenza.

Ghalhekk meta qies ic-cirkostanzi u fil-kontumacja tas-socjeta' intimata, t-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ghandu ragun fit-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna l-isocjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' erba telef tlett mija u ghoxrin euro (€4,320). Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru